# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 6 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 30.**
**Citazz. Nru. 1949/00 JRM**

**HSBC BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**Emanuel DEBONO u Mario MAGRI.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti jinsabu debituri in solidum versu l-bank attur fis-somma ta' elf, disa'mija u tlieta u tletin lira u zewg centezmi (Lm1,933.02) oltre l-imghax legali mit-22 ta' Settembru 1999, rapprezentanti flus avvanzati mill-bank attur gia' Mid-Med Bank plc b'titolu ta' self lill-konvenut Emanuel Debono permezz ta' Flexicredit Loan Account number 11 800 1532, liema self gie ottenut b'qerq adoperat mill-istess konvenut Emanuel Debono bil-

komplicita’ tal-konvenut Mario Magri, ex-impjegat tal-bank, meta dan ta’ l-ahhar iffalsifika firma fuq cheque tal-bank;

Illi l-konvenuti permezz ta’ sentenza tal-15 ta’ Marzu 1999 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali gew misjuba hatja inter alia ta’ falsifikazzjoni u dan wara ammissjoni taghhom stess;

Illi l-konvenuti huma responsabbli in solidum ghar-restituzzjoni tal-ammont dovut una volta l-konvenut Debono ottjena s-self permezz ta’ firma iffalsifikata mill-konvenut Magri;

Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu l-ammont dovut baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli in solidum ghar-restituzzjoni tal-ammont avvanzat kif fuq spjegat inkluz l-imghax legali;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma ta’ Lm1933.02 fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta’ Mejju 1998, tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Frar 2000 u bl-imghax legali mit-22 ta’ Settembru 1999 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici jittratta l-kawza u b'mod partikolari dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta' solidali tal-istess konvenuti ghas-somma mitluba fic-Citazzjoni;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tiddikjara lill-konvenuti responsabbli in solidum ghar-restituzzjoni tal-ammont avvanzat kif fuq spjegat inkluz l-imghax legali u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma ta' elf disa'mija tlieta u tletin lira maltin u zewg centezmi (Lm1933.02), bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data mitluba sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**6 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Frar, 2001.**

*6 ta' Frar, 2001.*